PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2013/2065(INI)**

16.7.2013

# EMENDI
# 1 - 38

**Abbozz ta' opinjoni**
**Ádám Kósa**
(PE514.724v01)

Nisa b'diżabilitajiet
(2013/2065(INI))

**Emenda 1**
**Marian Harkin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Ifakkar li, aktar ma l-popolazzjoni tixjieħ, iktar jikber il-proporzjon ta' persuni anzjani b'diżabilità, u li dawk ikkonċernati huma iktar probabbli li jkunu nisa minħabba li l-istennija tal-għomor tagħhom hija itwal; jenfasizza li n-nisa b'diżabilità, bħala grupp, jaffaċċaw esklużjoni ikbar u għandhom ***inqas opportunitajiet*** fis-suq tax-xogħol ***mill-irġiel*** b'diżabilità; | 1. Ifakkar li, aktar ma l-popolazzjoni tixjieħ, iktar jikber il-proporzjon ta' persuni anzjani b'diżabilità, u li dawk ikkonċernati huma iktar probabbli li jkunu nisa minħabba li l-istennija tal-għomor tagħhom hija itwal; jenfasizza li n-nisa b'diżabilità, bħala grupp, jaffaċċaw esklużjoni ikbar u għandhom ***rata aktar baxxa ta' attività*** fis-suq tax-xogħol ***u/jew impjiegi li jġorru inqas responsabbiltà u salarji aktar baxxi, esklużjoni soċjali kbira, dipendenza finanzjarja akbar fuq il-familja u/jew il-persuni li jieħdu ħsiebhom***; ***jistieden lill-Unjoni Ewropea timplimenta miżuri ta' azzjoni pożittiva biex in-nisa*** b'diżabilità ***jiġu inklużi fis-suq tax-xogħol***; |

Or. en

**Emenda 2**
**Anthea McIntyre**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Ifakkar li, aktar ma l-popolazzjoni tixjieħ, iktar jikber il-proporzjon ta' persuni anzjani b'diżabilità, u li dawk ikkonċernati huma iktar probabbli li jkunu nisa minħabba li l-istennija tal-għomor tagħhom hija itwal; jenfasizza li n-nisa b'diżabilità, bħala grupp, jaffaċċaw esklużjoni ikbar u għandhom inqas opportunitajiet fis-suq tax-xogħol mill- | 1. Ifakkar li, aktar ma l-popolazzjoni tixjieħ, iktar jikber il-proporzjon ta' persuni anzjani b'diżabilità, u li dawk ikkonċernati huma iktar probabbli li jkunu nisa minħabba li l-istennija tal-għomor tagħhom hija itwal; jenfasizza li n-nisa b'diżabilità, bħala grupp, jaffaċċaw esklużjoni ikbar u għandhom inqas opportunitajiet fis-suq tax-xogħol mill- |

| | |
|---|---|
| irġiel b'diżabilità; | irġiel b'diżabilità; |

Or. en

**Emenda 3**
**Emer Costello**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Ifakkar li, aktar ma l-popolazzjoni tixjieħ, iktar jikber il-proporzjon ta' persuni anzjani b'diżabilità, u li dawk ikkonċernati huma iktar probabbli li jkunu nisa minħabba li l-istennija tal-għomor tagħhom hija itwal; jenfasizza li n-nisa b'diżabilità, bħala grupp, jaffaċċaw esklużjoni ikbar u għandhom inqas opportunitajiet fis-suq tax-xogħol mill-irġiel b'diżabilità; | 1. Ifakkar li, aktar ma l-popolazzjoni tixjieħ, iktar jikber il-proporzjon ta' persuni anzjani b'diżabilità, u li dawk ikkonċernati huma iktar probabbli li jkunu nisa minħabba li l-istennija tal-għomor tagħhom hija itwal; jenfasizza li n-nisa b'diżabilità, bħala grupp, jaffaċċaw esklużjoni ikbar u għandhom inqas opportunitajiet fis-suq tax-xogħol mill-irġiel b'diżabilità; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu aktar attenzjoni għas-sitwazzjoni partikolari tan-nisa b'diżabilitajiet, li jaffaċċaw diskriminazzjoni doppja;*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Marije Cornelissen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Ifakkar lill-gvernijiet li mhix permessa d-diskriminazzjoni abbażi ta' diżabilità u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu sforzi aktar ambizzjużi biex jitneħħew l-ostakli li għad fadal;*** |

Or. en

**Emenda 5**
**Marian Harkin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jinnota li se tiġi pprojbita kull diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabilità u s-sess; jenfasizza li l-akkumulazzjoni ta' tali diskriminazzjoni għandha effetti negattivi partikolari fuq in-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet;*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jenfasizza l-ħtieġa għal riformi politiċi u soċjali fl-Istati Membri sabiex jikkonċentraw fuq il-kapaċità aktar milli l-inkapaċità ta' persuni b'diżabilità; jenfasizza li s-sistema tas-sigurtà soċjali jeħtieġ li tkun flessibbli u tiffoka aktar fuq l-għoti ta' inċentivi għal persuni b'diżabilità sabiex jiġu integrati b'mod attiv fis-suq tax-xogħol;*** |

Or. en

**Emenda 7**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi impjiegi deċenti għall-persuni b'diżabilità, filwaqt li jitqies li aktar spiss dawn jew ma jkunux impjegati jew ikunu impjegati f'impjiegi li jirrikjedu anqas ħiliet, b'mod partikolari għan-nisa;*** |

Or. en

**Emenda 8**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1c (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Jistieden lill-Istati Membri jirrevedu l-oqfsa leġiżlattivi u ta' politika tagħhom fir-rigward tal-parteċipazzjoni tan-nisa b'diżabilitajiet fis-suq tax-xogħol; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jisiltu l-aħjar prattika fl-Ewropa u jitolbu lil min iħaddem jagħmel aġġustamenti raġonevoli fil-postijiet tax-xogħol u l-kondizzjonijiet tax-xogħol bil-possibbiltà li l-każijiet individwali ta' diskriminazzjoni jinstemgħu fit-tribunali tal-impjieg; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu adottati miżuri ta' politika tas-suq tax-xogħol attiv għan-nisa b'diżabilitajiet li joffru għażliet għall-individwu, inkluż l-impjieg flessibbli, ix-xogħol lil hinn mill-post tax-xogħol, it-telexogħol, l-impjieg part-time u l-impjieg full-time;*** |

Or. en

**Emenda 9**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1d (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1d. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw lin-nisa b'indebolimenti intellettwali u b'kondizzjonijiet tas-saħħa mentali, li jaffaċċaw diffikultajiet partikolari biex jidħlu u/jew jibqgħu fis-suq tax-xogħol;*** |

Or. en

**Emenda 10**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1e (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1e. Jinnota li, fit-twaqqif ta' intrapriżi żgħar u forom oħra ta' impjieg indipendenti, in-nisa b'diżabilità għandu jkollhom dritt ugwali għall-assistenza finanzjarja u għandhom jitqiesu bħala intraprendituri kkwalifikati b'mod sħiħ;*** |

Or. en

**Emenda 11**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1f (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1f. Jistieden lill-Istati Membri jistimulaw l-SMEs permezz ta' inċentivi fiskali sabiex jinħolqu impjiegi għan-nisa b'diżabilità;*** |

Or. en

**Emenda 12**
**Marian Harkin**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Jinnota li ż-żieda fin-numru ta' nies b'diżabilitajiet se jżid il-piż fuq dawk li jieħdu ħsiebhom, b'mod partikolari fuq dawk il-membri tal-familja li jieħdu ħsiebhom;*** |

Or. en

**Emenda 13**
**Marije Cornelissen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Jiddeplora l-fatt li l-Kunsill għadu ma ffinalizzax il-ħidma tiegħu fuq id-Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, minkejja l-pożizzjoni tal-Parlament mill-2009; jistieden lill-Kunsill jiżgura li din il-leġiżlazzjoni tiġi adottata sa tmiem il-leġiżlatura parlamentari attwali;*** |

Or. en

**Emenda 14**
**Marije Cornelissen**

f’isem il-Grupp Verts/ALE

**Abbozz ta’ opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta’ opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. Jistieden lill-Unjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini kollha fil-proċess demokratiku f’termini ***kemm*** tad-dritt tal-vot ***kif ukoll*** tad-dritt li wieħed joħroġ bħala kandidat; | 2. Jistieden lill-Unjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini kollha fil-proċess demokratiku f’termini tad-dritt tal-vot ***u*** tad-dritt li wieħed joħroġ bħala kandidat***, id-dritt li wieħed jipparteċipa fil-laqgħat pubbliċi u d-dritt li jikkontribwixxi għall-proċess demokratiku***; |

Or. en

**Emenda 15**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta’ opinjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Abbozz ta’ opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***2a. Jistieden lill-Istati Membri jidentifikaw modi kif tiżdied kemm ir-rappreżentanza kif ukoll il-parteċipazzjoni tan-nisa b’diżabilità fit-teħid tad-deċiżjonijiet, permezz ta’ firxa koordinata ta’ miżuri, inklużi l-konsultazzjoni, it-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 16**
**Marian Harkin**

**Abbozz ta’ opinjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| Abbozz ta' opinjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***2a. Jistieden lill-Istati Membri jutilizzaw il-Fond Soċjali Ewropew bħala għodda effettiva biex itejbu l-livelli ta' inklużjoni tan-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet fl-oqsma kollha importanti tal-ħajja, bħal ma huma l-aċċess għas-suq tax-xogħol, it-taħriġ u l-edukazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 17**
**Emer Costello**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| Abbozz ta' opinjoni | Emenda |
|---|---|
| 3. Jinnota li t-terminoloġija użata biex tiddeskrivi l-indebolimenti fiżiċi u dik għad-diżabilitajiet huma differenti u li l-attenzjoni għandha tkun diretta lejn id-diżabilitajiet minflok lejn l-indebolimenti f'termini mediċi, b'konformità mal-approċċ magħżul fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u segwit mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea[1]; jenfasizza li min iħaddem ***m'għandux jeżamina d-diżabilitajiet*** tal-ħaddiema jew tal-applikanti ***li jkunu mingħajr rilevanza għal xogħol partikolari, iżda għandu jeżamina biss il-ħiliet u l-kapaċitajiet tagħhom***; | 3. Jinnota li t-terminoloġija użata biex tiddeskrivi l-indebolimenti fiżiċi u dik għad-diżabilitajiet huma differenti u li l-attenzjoni għandha tkun diretta lejn id-diżabilitajiet minflok lejn l-indebolimenti f'termini mediċi, b'konformità mal-approċċ magħżul fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u segwit mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea; jenfasizza li min iħaddem ***għandu jiffoka fuq il-ħiliet u l-abilitajiet*** tal-ħaddiema jew tal-applikanti ***b'diżabilità***; |

Or. en

**Emenda 18**
**Ádám Kósa**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| Abbozz ta' opinjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***4a. Jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw il-vjolenza sesswali bħala reat gravi li fl-istess ħin għandu jkun soġġett għal prosekuzzjoni, b'mod partikolari fil-każijiet ta' nisa b'diżabilità u b'mod speċjali nisa b'diżabilità mentali, u f'dawn il-każijiet speċifiċi l-oneru tal-provi għandu jkun fuq l-akkużat, sabiex jitnaqqas l-għadd kbir ta' stupri rrapportati u l-każijiet ta' fastidju sesswali u vjolenza f'istituzzjonijiet kbar;*** |

Or. en

**Emenda 19**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| Abbozz ta' opinjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***4a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi evitat il-fastidju fuq il-post tax-xogħol, li huwa l-muftieħ għal titjib tal-benessri fuq il-post tax-xogħol u biex tiġi evitata l-esklużjoni soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 20**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4b (ġdid)**

| Abbozz ta' opinjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***4b. Jenfasizza bil-qawwa l-ħtieġa għal protokolli dwar il-fastidju fil-livelli settorjali u tal-kumpaniji, li għandhom*** |

*jinkludu sanzjonijiet dixxiplinari għall-impjegati li jiksru d-dinjità personali ta' impjegati oħra, b'mod partikolari dik ta' persuni b'diżabilità, li joħolqu ambjent li huwa degradanti, intimidanti, ostili, umiljanti jew li jikkommettu azzjonijiet offensivi ta' diskriminazzjoni;*

Or. en

**Emenda 21**
**Richard Howitt**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jinnota li r-reati ta' mibegħda kontra d-diżabilità żdiedu fis-snin riċenti u li l-vjolenza u l-ostilità huma karatteristika tal-ħajja ta' kuljum għal ħafna nies b'diżabilità; jinsisti li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom joqogħdu lura milli jaggravaw l-isterjotipi negattivi fil-lingwa użata, fid-diskors li jsir u fil-politiki segwiti fir-rigward tan-nisa u l-bniet b'diżabilità;*** |

Or. en

**Emenda 22**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jenfasizza li, fir-rigward tal-kunċetti ta' ambjent mingħajr ostakli u ta' aċċessibilità, l-approċċ innovattiv ta' disinn inklużiv ikopri kemm l-arkitettura kif ukoll is-servizzi li jistgħu jaqdu aħjar il-bżonnijiet | 5. Jenfasizza li, fir-rigward tal-kunċetti ta' ambjent mingħajr ostakli u ta' aċċessibilità, l-approċċ innovattiv ta' disinn inklużiv ikopri kemm l-arkitettura kif ukoll is-servizzi li jistgħu jaqdu aħjar il-bżonnijiet |

| | |
|---|---|
| tal-persuni kollha indipendentement mid-diżabilità u jrawmu stil ta' ħajja iktar sostenibbli u inkluživ; | tal-persuni kollha indipendentement mid-diżabilità u jrawmu stil ta’ ħajja iktar sostenibbli u inkluživ; ***jenfasizza l-importanza tal-ħiliet fit-Teknoloġija tal-Informatika u l-Komunikazzjoni, li jistgħu jżidu l-integrazzjoni u l-impjegabbiltà;*** |

Or. en

**Emenda 23**
**Ádám Kósa**

**Abbozz ta’ opinjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Abbozz ta’ opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jenfasizza li l-aċċessibbiltà tal-internet tista’ tkun ta’ benefiċċju mhux biss għall-persuni neqsin mid-dawl, iżda wkoll għall-persuni b’diżabilitajiet oħra u li aktar attenzjoni għandha tingħata lill-persuni torox u nieqsa mis-smigħ, speċjalment anzjani bi problemi ta’ smigħ, minħabba li n-numru u s-sehem tagħhom fis-soċjetà qegħdin jiżdiedu b’mod partikolari, skont l-istimi tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa;*** |

Or. en

**Emenda 24**
**Anthea McIntyre**

**Abbozz ta’ opinjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Abbozz ta’ opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex f’dan ir-rigward jagħmlu skambju ta’ eżempji ta’ disinn innovattiv sabiex jiġi ffaċilitat it-tixrid tal-aħjar prattika fl-*** |

***Unjoni;***

Or. en

**Emenda 25**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jenfasizza l-ħtieġa li titnaqqas id-differenza bejn l-età skolastika u s-suq tax-xogħol għal persuni b'diżabilità, inkluż li tingħata attenzjoni lill-edukazzjoni, il-ħtiġijiet tax-xogħol tan-nisa żgħażagħ b'diżabilità u l-importanza tat-tagħlim tul il-ħajja;*** |

Or. en

**Emenda 26**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Jinnota li l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali għall-persuni b'diżabilità qed jiġu mwettqa fil-maġġoranza tal-Istati Membri b'mod separat u b'mod debboli; jenfasizza l-importanza li n-nisa b'diżabilità jiġu integrati fis-sistemi edukattivi u professjonali standard fil-każijiet kollha fejn id-diżabilità tippermetti din l-integrazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 27**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5c (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5c. Jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu b'mod attiv lin-nisa b'diżabilità sabiex jipparteċipaw u biex jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għall-programmi kollha tat-taħriġ; jenfasizza li programmi ta' taħriġ vokazzjonali eżistenti għandhom ikunu aċċessibbli għan-nisa b'diżabilità u għandhom jiġu pprovduti servizzi ta' appoġġ; jenfasizza, b'mod partikolari għan-nisa torox, id-dritt li jkollhom aċċess għax-xogħol u t-taħriġ professjonali bil-lingwa nattiva tagħhom u bil-lingwa tas-sinjali;*** |

Or. en

**Emenda 28**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5d (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5d. Jenfasizza l-ħtieġa li bniet u nisa migranti b'diżabilità jiġu appoġġjati sabiex jiżviluppaw il-ħiliet u l-potenzjal tagħhom fit-taħriġ vokazzjonali u biex jingħataw l-opportunitajiet biex jiksbu impjieg xieraq;*** |

Or. en

**Emenda 29**
**Marije Cornelissen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jistieden lill-Unjoni tagħti appoġġ ulterjuri ***lill-ommijiet b'diżabilità jew*** bi tfal diżabbli, b'attenzjoni speċjali fir-rigward tal-pożizzjoni diffiċli tagħhom fis-suq tax-xogħol, billi żżomm jew tistabbilixxi servizzi li jkunu maħsuba aħjar għall-bżonnijiet tagħhom. | 6. Jistieden lill-Unjoni tagħti appoġġ ulterjuri ***lill-ġenituri diżabbli u*** lit-tfal diżabbli, b'attenzjoni speċjali fir-rigward tal-pożizzjoni diffiċli tagħhom fis-suq tax-xogħol, billi żżomm jew tistabbilixxi servizzi li jkunu maħsuba aħjar għall-bżonnijiet tagħhom***, billi jitneħħew l-ostakli u bis-sensibilizzazzjoni ta' min iħaddem kif ukoll tal-impjegati***. |

Or. en

**Emenda 30**
**Richard Howitt**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jistieden*** lill-Unjoni ***tagħti*** appoġġ ulterjuri lill-ommijiet b'diżabilità jew bi tfal diżabbli, b'attenzjoni speċjali fir-rigward tal-pożizzjoni diffiċli tagħhom fis-suq tax-xogħol, billi żżomm jew tistabbilixxi servizzi li jkunu maħsuba aħjar għall-bżonnijiet tagħhom. | 6. ***Jinnota li n-nisa u l-bniet b'diżabilità jaffaċċaw rati ta' illitteriżmu ogħla mill-medja, livelli ta' edukazzjoni aktar baxxi, rati aktar baxxi ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u/jew impjiegi li jġorru anqas responsabbiltà u salarji aktar baxxi; jistieden*** lill-Unjoni ***tiżviluppa kemm azzjonijiet ewlenin kif ukoll pożittivi biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet fosthom li jiġi indirizzat*** appoġġ ulterjuri lill-ommijiet b'diżabilità jew bi tfal diżabbli, b'attenzjoni speċjali fir-rigward tal-pożizzjoni diffiċli tagħhom fis-suq tax-xogħol, billi żżomm jew tistabbilixxi servizzi li jkunu maħsuba aħjar għall-bżonnijiet tagħhom. |

Or. en

**Emenda 31**
**Anthea McIntyre**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jistieden ***lill-Unjoni tagħti*** appoġġ ulterjuri lill-ommijiet b'diżabilità jew bi tfal diżabbli, b'attenzjoni speċjali fir-rigward tal-pożizzjoni diffiċli tagħhom fis-suq tax-xogħol, billi żżomm jew tistabbilixxi servizzi li jkunu maħsuba aħjar għall-bżonnijiet tagħhom. | 6. Jistieden ***lill-Istati Membri jagħtu*** appoġġ ulterjuri lill-ommijiet b'diżabilità jew bi tfal diżabbli, b'attenzjoni speċjali fir-rigward tal-pożizzjoni diffiċli tagħhom fis-suq tax-xogħol, billi żżomm jew tistabbilixxi servizzi li jkunu maħsuba aħjar għall-bżonnijiet tagħhom. |

Or. en

**Emenda 32**
**Nadja Hirsch**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jenfasizza l-fatt li n-nisa b'diżabilità għadhom ta' spiss il-vittmi ta' abbuż sesswali u ta' vjolenza; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jkunu protetti fuq il-postijiet tax-xogħol tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 33**
**Ádám Kósa**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Ifakkar li kull pass fil-ħajja tal-mara jinvolvi mhux biss opportunitajiet iżda*** |

| | |
|---|---|
| | ***wkoll responsabbiltajiet u f'dan is-sens in-nisa spiss ikollhom jissaportu piż sproporzjonat f'termini ta' tqala u trobbija tat-tfal meta jkollhom jaffaċċaw l-implikazzjonijiet negattivi tat-tqala, speċjalment f'każijiet meta l-missirijiet la jerfgħu r-responsabbiltà tagħhom u lanqas jikkontribwixxu għall-benessri u d-destin tat-tfal tagħhom iżda jitilquhom weħidhom; ifakkar li fil-familja ż-żewġ ġenituri għandhom jaqsmu b'mod ugwali l-istess responsabbiltajiet jekk dawn ma jkunux ftiehmu mod ieħor, minn qabel u b'mod reċiproku;*** |

Or. en

**Emenda 34**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-bniedem mingħajr l-ebda diskriminazzjoni, b'mod partikolari d-dritt għan-nisa b'diżabilità li jgawdu aċċess ugwali u adegwat għall-kura medika u l-appoġġ matul u wara t-tqala, kif ukoll id-drittijiet fis-suq tax-xogħol b'rabta mal-maternità jew il-liv tal-ġenituri u s-servizzi soċjali; jenfasizza li l-kondizzjonijiet għandhom ikunu tal-ogħla standard fl-Istati Membri kollha u m'għandhomx ikunu diskriminatorji kontra n-nisa b'diżabilità; jenfasizza li d-drittijiet u s-servizzi għandhom ikunu disponibbli għan-nisa b'diżabilità li jemigraw fl-UE, kemm jekk bħala ħaddiema kif ukoll bħala sħab;*** |

Or. en

**Emenda 35**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ speċifiku għan-nisa b'diżabilità biex ikun hemm rikonċiljazzjoni aħjar tal-ħajja professjonali u dik privata, fir-rigward tat-tindif intern, il-kura tat-tfal u l-edukazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 36**
**Marije Cornelissen**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jistieden lill-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea biex jirrikonoxxu u jindirizzaw il-kwistjoni ta' diskriminazzjoni multipla li n-nisa b'diżabilità jaffaċċaw;*** |

Or. en

**Emenda 37**
**Richard Howitt**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jipproponi li l-Fond Soċjali Ewropew jintuża bħala għodda effettiva biex jitjiebu l-livelli ta' inklużjoni tan-nisa u l-bniet*** |

***b'diżabilità fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol u biex jitnaqqsu l-każijiet ta' nisa u bniet b'diżabilità li jgħixu fil-faqar;***

Or. en

**Emenda 38**
**Richard Howitt**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***6b. Jinsisti li l-perspettiva dwar is-sessi u l-perspettiva dwar id-diżabilità għandhom jiġu integrati fil-politiki kollha tal-Unjoni; jappella għal miżuri speċifiċi li jgħinu lin-nisa żgħażagħ b'diżabilità jiġu inklużi fil-proposti tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażagħ;*** |

Or. en